# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1953


# Awtobijografiji

*FOST ix-xorta ta' proża li naqraw fil-letteratura ta' l-ilsna barranin, hemm dik li tissejjaħ kitba ta' awtobijografiji li fil-Malti qajla tiltaqa' magħha, ħlief f'għamla ta' bċejjeċ 'l hawn u 'l hinn ta'* tifkirijiet. *Din ix-xorta ta' kitba awtobijografika toħroġ iktarx mill-pinna ta' xi kittieb magħruf.*

Awtobijografija *hija kitba li fiha nsibu l-istorja jew il-ġrajjiet ta' dak li jiktibha biex iħalli tifkira ta' kulma ġarrab f'ħajtu u taxxogħlijiet li għamel f'ħajtu biċ-ċrkustanzi tagħhom u b'deskrizzjoni ta' l-atmosfera ta' żminijietu. Xi mindaqqiet ġie li l-awtobijografija titħallat ma' dik li tissejjaħ* tifkirijiet *jew* memorji *li sew sew mhumiex ħlief sensiela ta' xi bċejjeċ minn dak li għadda minn xi staġuni tal-ħajja tal-kittieb—kitba li fiha jaħdem mhux ftit is-sens psikoloġiku.*

*Fost in-nies għorrief li ħallew kitba fuq ħajjithom insemmu lil Petrarca, Cellini, Rosseau, Keith, Smiles, Trollope, Darwin, Gandhi, u oħrajn.*

*Il-kitba awtobijografika għandha valur letterarju mhux ftit fl-apprezzament ta' l-opri ta' l-awtur, kif ukoll taż-żminijiet li fihom għax imxebbhin ma' dawk ta' xogħlijiet ta' awturi oħra fi żminijiethom. Barra minn dan tgħin ukoll biex il-qarrej jifhem is-sentimenti tal-kitba ta' l-awtur, l-iktar fil-versi awtobijografiċi tiegħu jew f'xi kitba epistolari tiegħu.*

*Il-letteratura Maltija ma tistax tiftaħar li għandha wisq minn din ix-xorta ta' kitba—biex ma ngħidx xejn—ħlief xi bċejjeċ ta' tifkirijiet 'il hawn u 'l hinn li dehru u qed jidhru f'IL-MALTI, fosthom dawk li jitkellmu fuq xi esperjenzi ta' safar jew xi ħwejjeġ oħra, xi minn daqqiet miġburin f'xi ktejjeb.*

*Nittamaw, għalhekk, li għad naraw mill-pinna tal-kittieba tagħna xi kitba awtobijografika li biha nistgħu nżidu u norqmu l-letteratura Maltija b'waħda mill-fergħat sbieħ u importanti kif dlonk insibu f'letteraturi ixjeħ u ogħna minn tagħna.*